MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 239/2003

**Av. David W. Grech bhala mandatarju tal-imsefrin Christopher Manning, Nicholas Manning u Valerie mart Joseph Rudzinski**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur nomine fil-5 ta' Mejju, 2003 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jrodd lura lill-attur nomine s-somma ta' sitt mija tlieta u disghin lira (Lm693) taxxa li thallset zejda fuq id-dikjarazzjoni *causa mortis* li saret fit-12 ta' April, 1996 fir-rigward tal-mejta Dora Manning li mietet fis-16 ta' Ottubru, 1995.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittri ufficjali mibghuta fis-17 ta' Novembru, 1997 u fl-4 ta' Novembru 2002, u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

Illi l-ammont li thallas fuq id-dikjarazzjoni causa mortis ta' Dora May Manning huwa kollu dovut.

Illi r-rikorrent noe jippretendi li ghandu jinghata rifuzjoni ta' taxxa a bazi tal-fatt illi Dora May Manning kienet residenti hawn Malta.

Illi d-decizjoni dwar jekk Dora May Manning kienetx ordinarjament residenti f'Malta tispetta lill-esponent, u fil-fatt huwa deherlu li hija ma kienetx intitolata ghal tali status stante li qatt ma kellha fil-pussess taghha *Permanent Residence Permit* mahrug mid-Dipartiment ta' l-Imigrazzjoni.

Illi ghaldaqstant huwa ma jidhirlux li hemm xi flus li ghandu jirrifondi lill-attur nomine.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghar-rifuzzjoni ta' taxxa zejda mhallsa lill-Kummissarju konvenut wara dikjarazzjoni *"causa mortis"* in konnessjoni mal-mewt ta' Dora May Manning fis-16 ta' Ottubru, 1995.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi Dora May Manning kienet toqghod fil-fond 17 Flat 7, Belfar Flats, Bastion Street, Senglea, bhala residenza ordinarja taghha. Din kienet l-unika proprjeta'

shiha li kellha minbarra sehem minn proprjeta’ ohra fl-istess appartamenti. Wara l-mewt taghha saret id-dikjarazzjoni *“causa mortis”* in atti Nutar Audrey Vella fit-12 ta’ April, 1996 fejn il-fond u parti mill-proprjeta’ l-ohra gew iddikjarati, u thallset it-taxxa fuqhom.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ma sab l-ebda oggezzjoni ghal din id-dikjarazzjoni u accettaha kif inhi, kemm ghal dak illi huwa valur ta’ proprjeta’ u kemm ghal dik li hija taxxa dovuta. Sussegwentement permezz ta’ ittra ta’ l-20 ta’ Settembru, 1996 a fol 39 tal-process, l-avukati ta’ l-eredi ta’ Dora May Manning talbu rifuzzjoni fis-somma ta’ sitt mija tlieta u disghin lira (Lm693) bhala taxxa zejda. Dana l-ghaliex bhala stranjiera u residenti permanenti hawn Malta, hija kellha d-dritt tibbenefika minn ezenzjoni fil-hlas tat-taxxa ghall-ewwel ghaxart elef lira (Lm10,000) fuq il-proprjeta’ li kellha. Il-Kummissarju konvenut qieghed jirrifjuta illi jirrikonoxxi dan it-tnaqqis peress’ illi ma giex prodott il-*Permanent Residence Permit* ta’ Dora May Manning. Irrizulta illi d-dipartiment jirrikjedi dan il-permess bhala prova illi d-*“decuius”* kien residenti permanenti Malta. Pero’ l-Qorti tinnota illi mkien fil-Ligi ma jinghad illi dan id-dokument hu dovut jew rikjest “*sine qua non”* ghal koncessjoni msemmija.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi l-Qorti jidhrilha illi l-Kummissarju konvenut ma kellu l-ebda dritt jopponi ghat-talba tal-koncessjoni kif inghad, dana l-ghaliex il-“*Permanent Residence Permit”* huwa wiehed mill-provi, izda mhux l-uniku li jistghu jingabu lill-kummissarju bhala prova li d-*“decuius”* kien residenti permanenti go Malta. Hemm hafna aktar provi x’jitresqu biex dana jigi gustifikat, bhal per ezempju l-kontijiet tad-dawl u ilma, l-passaporti, l-karta ta’ l-identita’ u provi ohra li jistghu jingiebu skond ic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz. Jekk minn dawn il-provi l-Kummissarju konvenut ikun sodisfatt illi d-*“decuius”* kien residenti permanenti go Malta, allura kien fl-obbligu illi jaghti l-koncessjoni skond il-Ligi. Din il-Qorti hija sodisfatta mid-dokumenti u provi prodotti illi Dora May Manning kienet stranjiera, residenti permanenti go Malta u

ghalhekk kellha tibbenefika mill-koncessjoni ta’ l-ewwel ghaxart elef lira (Lm10,000) fuq il-valur tal-proprjeta’ denunzjata.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-attur nomine u tikkundanna lill-Kummissarju konvenut jrodd lura lill-attur nomine s-somma ta’ sitt mija tlieta u disghin lira (Lm693) taxxa li thallset zejda fuq id-dikjarazzjoni *“causa mortis”* li saret fit-12 ta’ April, 1996 fir-rigward tal-mejta Dora Manning li mietet fis-16 ta’ Ottubru, 1995.
Bl-ispejjez kontra l-Kummissarju konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------